IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.5.2025
COM(2025) 504 final

2025/0134 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 765/2008, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2023/1230, (UE) 2023/1542 u (UE) 2024/1781 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2025) 130 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[1], il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' sistema regolatorja li tiżgura li l-objettivi jintlaħqu bl-inqas kostijiet possibbli. Għalhekk impenjat ruħha għal sforz apposta biex tirrazzjonalizza u tissimplifika r-rekwiżiti tar-rapportar u l-piżijiet amministrattivi, bl-għan aħħari li dawn ir-rekwiżiti tnaqqashom b'25% mingħajr ma timmina l-objettivi ta' politika relatati.

Ir-rekwiżiti tar-rapportar jaqdu rwol ewlieni biex niżguraw l-infurzar it-tajjeb u monitoraġġ xieraq tal-leġiżlazzjoni. B'mod ġenerali, ħafna mill-kostijiet tagħhom jiġu kkumpensati mill-benefiċċji li joħolqu, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u li tkun żgurata l-konformità mal-miżuri ta' politika ewlenin. Iżda r-rekwiżiti tar-rapportar jistgħu jixħtu wkoll piż sproporzjonat fuq il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fuq l-SMEs u l-mikrokumpaniji. Maż-żmien, l-akkumulu ta' dawn ir-rekwiżiti tar-rapportar jaf joħloq obbligi mhux meħtieġa, doppji, jew obsoliti, frekwenzi u ittajmjar li ma jkunux effiċjenti, jew metodi tal-ġbir li ma jkunux adegwati.

Il-Kummissjoni tippromwovi l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" fl-Istrateġija Diġitali jew Regolamentazzjoni aħjar biex tappoġġa t-trasformazzjonijiet diġitali tagħha, billi tiffaċilita politiki adegwati diġitalment li jqisu l-ambjent evolventi malajr tad-diġitalizzazzjoni u tat-teknoloġija, u li dawn ikunu diġitali, interoperabbli, reżistenti għall-futur u aġli b'mod awtomatiku. Iżda għad hemm diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-UE li jipprevedu l-użu tal-format stampat.

Il-Komunikazzjoni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE"[2] tenfasizza li d-diġitalizzazzjoni timxi paripassu mas-simplifikazzjoni ħalli jonqsu l-piżijiet tar-rapportar. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li r-rapportar jenħtieġ li jsir b'formati diġitali bbażati fuq data standardizzata. Madankollu, xi aspetti tal-proċeduri diġitali diġà eżistenti, bħal pereżempju ekosistemi tal-IT frammentati u skambji ineffiċjenti tad-data, ilkoll qed jagħmluha diffiċli għan-negozji biex jinteraġixxu mal-awtoritajiet pubbliċi b'modi diġitali.

L-inizjattiva li jmiss tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju se tindirizza dawn l-isfidi billi tistabbilixxi identità diġitali għall-operaturi ekonomiċi kollha u billi tipprovdi l-qafas għal Kartieri tan-Negozju interoperabbli li jaqsmu d-data u kredenzjali verifikati, filwaqt li jippermettu interazzjonijiet diġitali mingħajr skossi bejn l-operaturi ekonomiċi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni. B'dan il-mod, il-Kartieri Ewropej tan-Negozju se jibnu fuq is-soluzzjonijiet diġitali diġà eżistenti li tfasslu biex jissimplifikaw l-attivitajiet ta' kuljum għall-operaturi ekonomiċi Ewropej, bħall-Gateway Diġitali Unika, is-Sistema Teknika ta' Darba Biss ("OOTS"), il-Passaport Diġitali tal-Prodotti ("DPP"), il-fattura elettronika, u b'hekk jibnu ekosistema koeżiva ta' soluzzjonijiet diġitali li se jimmassimizzaw is-sinerġiji u jrawmu integrazzjoni u innovazzjoni ekonomika akbar madwar l-Ewropa.

It-tneħħija tar-referenzi għal format stampat iġġiegħel ukoll lill-awtoritajiet pubbliċi jirrevedu l-modi kif jipproċessaw is-sottomissjonijiet jew ir-rapportar tal-kumpaniji. Is-simplifikazzjoni ta' dawn is-sottomissjonijiet u ta' dan ir-rapportar, billi jiġi promoss il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku", toħloq inċentivi ġodda għal investimenti fil-ġbir u l-ipproċessar tad-data

[1] COM(2023) 168.
[2] COM/2025/30 final.

b'soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku li jistgħu jwittu t-triq għal Suq Uniku mingħajr dokumenti li jkun ibbażat fuq data strutturata interoperabbli u l-prinċipju ta' darba biss.

Barra minn hekk, filwaqt li l-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid ("NLF") ma jimponix xi format partikolari għall-istruzzjonijiet tal-użu li jingħataw mal-prodotti, mill-prattika jidher li l-aspettattiva ta' ħafna mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq hi li dawk l-istruzzjonijiet ikunu stampati u għalhekk jimponu dan il-format fuq il-manifatturi.

Il-Gwida Blu[5] tipprovdi spjegazzjonijiet dettaljati dwar ir-regoli tal-prodotti tal-UE.

Filwaqt li jitqies li fl-2024 94% jew iżjed tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet[3], il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mar-Regolamenti hu skadut u ma jaqbilx mat-teknoloġiji, l-abitudnijiet tal-konsumaturi jew l-objettivi ekoloġiċi ta' żmienna.

Għaldaqstant, il-manifatturi jenħtieġ li jitħallew jippreżentaw l-istruzzjonijiet tal-użu b'format diġitali. Meta l-manifatturi jagħżlu li jipprovdu struzzjonijiet tal-użu b'format diġitali, l-informazzjoni dwar is-sikurezza (inkluż kull parti mill-istruzzjonijiet tal-użu li titqies imperattiva għas-sikurezza) jenħtieġ li xorta waħda tingħata b'format stampat ħalli titħares is-sikurezza tal-konsumaturi. Barra minn hekk, l-utenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet meta jitolbuha – fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara x-xiri.

Is-simplifikazzjoni tal-obbligi tar-rapportar, it-tnaqqis fil-piż amministrattiv u l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni huma prijoritajiet. F'dan il-kuntest, din il-proposta hi maħsuba biex tissimplifika l-inizjattivi li hemm fl-ambizzjoni ewlenija "Ekonomija għas-servizz tan-nies", il-"Patt Ekoloġiku Ewropew" u l-"Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew tagħna" fl-oqsma ta' politika tas-Suq Intern, tas-Sikurezza tal-Ikel u tas-Saħħa, u tolqot lil bosta setturi.

Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" identifikat il-ħtieġa li jinstabu alternattivi biex in-negozji jingħataw iċ-ċertezza legali fir-rigward tal-konformità mar-regoli tal-UE meta l-istandards armonizzati ma jkunux jeżistu, ma jkunux disponibbli, ma jkunux biżżejjed jew meta jkun hemm bżonn urġenti tagħhom. Diversi atti leġiżlattivi eżistenti diġà fihom alternattiva biex in-negozji jingħataw il-prevedibbiltà legali u jagħtu prova tal-konformità mad-dritt tal-UE, biex jaħsbu għal sitwazzjonijiet bħal dawn. Din il-proposta għandha l-objettiv li tallinja din l-alternattiva fl-atti leġiżlattivi li ma jipprevedu l-ebda alternattiva għall-istandards armonizzati. Din l-alternattiva trid tiġi implimentata b'mod uniformi fir-rigward tad-definizzjoni, l-effett legali, il-kundizzjonijiet li skonthom tista' tiġi adottata dik l-alternattiva, u l-proċedura tal-adozzjoni.

L-inizjattiva dwar speċifikazzjonijiet komuni hi konformi għalkollox mal-bżonn imsemmi hawn fuq u hi maħsuba biex tissimplifika l-ħajja tan-negozji li jridu jikkonformaw ma' rekwiżit wieħed jew aktar tas-saħħa u s-sikurezza speċifiċi għall-prodotti, kif stabbilit fir-regolamenti settorjali li jużaw l-istandards armonizzati.

Il-proposta hi maħsuba biex tissimplifika u tiddiġitalizza l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi għar-Regolament (UE) 2016/424 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular[4], għar-Regolament

---

[3] Sors: Statistika dwar l-ekonomija u s-soċjetà diġitali - unitajiet domestiċi u individwi - Statistika Spjegata.

[4] Ir-Regolament (UE) 2016/424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular u li jħassar id-Direttiva 2000/9/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/424/oj).

(UE) 2016/425 dwar tagħmir tal-protezzjoni personali[5], għar-Regolament (UE) 2016/426 dwar it-tagħmir li jaħraq il-karburanti gassużi[6], għar-Regolament (UE) 2023/1230 dwar il-makkinarju[7], għar-Regolament (UE) 2023/1542 dwar il-batteriji u l-iskart tal-batteriji[8], u għar-Regolament (UE) 2024/1781 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli[9] b'taħlita ta' miżuri.

Barra minn hekk, il-proposta hi maħsuba wkoll biex tallinja l-għażla eżistenti ta' riżerva mal-istandards armonizzati b'mod uniformi fir-Regolament (UE) 2016/424 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular, mar-Regolament (UE) 2016/425 dwar it-tagħmir tal-protezzjoni personali, u mar-Regolament (UE) 2016/426 dwar it-tagħmir li jaħdem bil-gass.

Biex ikunu evitati l-inkonsistenzi u piż addizzjonali fuq il-manifatturi u biex tinħoloq koerenza ġenerali bejn il-liġijiet armonizzati tal-prodotti fl-NLF, hemm bżonn tiddaħħal dispożizzjoni li tippermetti l-użu tat-trasportatur tad-d-data tal-Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP) meta dan id-DPP isir obbligatorju minn xi biċċa leġiżlazzjoni oħra li tkopri l-istess prodott.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta hija parti minn pakkett ta' miżuri li jikkonċerna s-simplifikazzjoni. Din tfisser pass sinifikanti fi proċess kontinwu ta' rieżaminar komprensiv tar-rekwiżiti tar-rapportar eżistenti. L-għan hu li tiġi vvalutata r-rilevanza kontinwa tagħhom u li dawn isiru aktar effiċjenti, u li fl-aħħar mill-aħħar jiġu ssimplifikati l-proċeduri regolatorji u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.

Ir-razzjonalizzazzjoni introdotta minn dawn il-miżuri mhix se taffettwa l-kisba tal-objettivi fil-qasam ta' politika, għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

- L-informazzjoni essenzjali meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE se tibqa' tkun disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti u għall-utenti finali.

- Iż-żieda fl-effiċjenza tal-proċeduri tar-rapportar se tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tar-rapportar min-negozji lill-awtoritajiet, tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji, u ttejjeb l-effettività ġenerali tal-qafas regolatorju.

- Il-miżuri se jippromwovu wkoll approċċ aktar konsistenti u armonizzat għall-obbligi tal-operaturi ekonomiċi f'liġijiet differenti tal-UE, li jnaqqas il-konfużjoni u jiffaċilita l-konformità għan-negozji li joperaw f'diversi oqsma ta' politika.

---

5 Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/425/oj).

6 Ir-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/426/oj).

7 Ir-Regolament (UE) 2023/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar il-makkinarju u li jħassar id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 73/361/KEE (ĠU L 165, 29.6.2023, p. 1, http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1230/oj).

8 Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj).

9 Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj).

- Barra minn hekk, meta l-istandards armonizzati ma jkunux disponibbli, se jiġu aċċettati speċifikazzjonijiet komuni, li jiżguraw konsistenza mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi eżistenti f'ċerti oqsma ta' politika settorjali u li jipprovdu l-flessibbiltà lin-negozji biex juru l-konformità.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fil-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), il-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha tkun adegwata għall-użu, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, u timminimizza l-piżijiet filwaqt li tilħaq l-objettivi tagħha. Għaldaqstant, din il-proposta hija parti mill-programm REFIT, maħsuba biex jonqsu l-piżijiet tar-rapportar li joħorġu mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Filwaqt li ċerti obbligi b'rabta mar-rekwiżiti huma essenzjali, dawn jeħtieġ ikunu effiċjenti kemm jista' jkun, jevitaw it-trikkib, ineħħu l-piżijiet mhux meħtieġa u jużaw kemm jista' jkun soluzzjonijiet diġitali u interoperabbli.

Il-proposti attwali jirrazzjonalizzaw ir-rekwiżiti tar-rapportar u b'hekk jagħmlu l-kisba tal-objettivi tal-leġiżlazzjonijiet aktar effiċjenti u inqas peżanti għall-kumpaniji u għall-awtoritajiet pubbliċi.

Meta l-istandards armonizzati ma jkunux disponibbli, hemm bżonn soluzzjonijiet alternattivi li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dawn l-alternattivi jenħtieġ li jkunu effettivi kemm jista' jkun, jimminimizzaw il-kumplessità mhux meħtieġa u jkunu disponibbli fi żmien qasir.

L-introduzzjoni ta' dawn is-soluzzjonijiet alternattivi se tissimplifika l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u b'hekk tagħmilha aktar effiċjenti u inqas peżanti għall-kumpaniji u għall-awtoritajiet pubbliċi.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-bażijiet legali oriġinali għall-adozzjoni tal-oqfsa settorjali, li din il-proposta hi maħsuba biex temenda. Dawn l-oqfsa settorjali huma r-Regolament (UE) 2016/424 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular, ir-Regolament (UE) 2016/425 dwar it-tagħmir tal-protezzjoni personali, ir-Regolament (UE) 2016/426 dwar it-tagħmir li jaħraq il-karburanti gassużi, ir-Regolament (UE) 2023/1230 dwar il-makkinarju, ir-Regolament (UE) 2023/1542 dwar il-batteriji u l-iskart tal-batteriji, u r-Regolament (UE) 2024/1781 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, u r-Regolament (UE) 765/2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.

Karatteristika komuni ta' dawn l-oqfsa hi li huma ftit jew wisq allinjati mill-qrib mal-prinċipji ġenerali u mad-dispożizzjoni ta' referenza stabbiliti fil-NLF. L-NLF għal-leġiżlazzjoni tal-prodotti tal-UE fih żewġ atti legali adottati fl-2008, jiġifieri d-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti[10] li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' referenza għat-tfassil ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, u r-Regolament (KE)

[10] Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13/8/2008, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/768(1)/oj).

Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti[11] li jistabbilixxi l-prinċipji tal-markatura CE u l-akkreditazzjoni tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità.

L-oqfsa settorjali tal-Unjoni stabbiliti mir-Regolamenti msemmija hawn fuq huma l-hekk imsejħa "leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti". Dawn jistabbilixxu regoli armonizzati b'rabta mad-disinn, il-manifattura, il-valutazzjoni tal-konformità u l-introduzzjoni fis-suq tal-prodotti. Essenzjalment, dawn l-oqfsa settorjali jintroduċu r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali għal kull settur/kategorija ta' prodotti rispettivi li l-prodotti jenħtieġ li jissodisfaw u l-proċeduri ta' kif tiġi vvalutata l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.

Bis-saħħa tal-NLF, ħafna mill-biċċiet ta' leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq affettwati minn din il-proposta fihom dispożizzjonijiet ta' tip simili. L-atti leġiżlattivi inkwistjoni, li huma allinjati mal-NLF, għandhom l-istess struttura komuni u fihom dispożizzjonijiet ibbażati fuq l-istess mudell. Għalhekk f'dawn l-atti leġiżlattivi, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità notifikati, l-akkreditazzjoni, u l-markatura CE huma identiċi jew simili ħafna. Din l-uniformità tiffaċilita l-familjarità mad-diversi strumenti leġiżlattivi, b'mod partikolari għan-negozji li jimmanifatturaw jew jiddistribwixxu prodotti soġġetti għal diversi atti leġiżlattivi tal-UE. Il-konsistenza ta' dawn l-elementi tippermetti lill-operaturi ekonomiċi jinnavigaw ix-xenarju regolatorju aktar faċilment, u b'hekk titnaqqas il-kumplessità u tiġi promossa l-konformità. Iżda billi d-dispożizzjonijiet tal-mudell ġew stabbiliti fl-2008, maż-żmien ċerti aspetti tal-obbligi ma baqgħux meħtieġa jew saru obsoliti, u jeħtieġu rieżami u aġġornament biex ikunu żgurati r-rilevanza u l-effettività kontinwi tagħhom.

L-emendar tar-Regolamenti msemmija hawn fuq bil-mod propost, jiġifieri bit-tneħħija tal-obbligi bbażati fuq il-karta u bit-tranżizzjoni lejn ekwivalenti diġitali, se jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tar-rapportar min-negozji lill-awtoritajiet, se jiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tal-obbligi u l-proċeduri tar-rapportar tal-operaturi ekonomiċi, u se jtejjeb l-effiċjenza u l-effettività ġenerali tal-qafas regolatorju.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Ir-rekwiżiti tar-rapportar u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati timponihom il-liġi tal-Unjoni u għalhekk jistgħu jiġu emendati biss fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri, il-kumpaniji u l-konsumaturi se jgawdu bit-tneħħija tar-referenzi għall-format stampat u bid-diġitalizzazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għall-operaturi ekonomiċi li hi s-suġġett ta' din il-proposta.

- **Proporzjonalità**

Ir-razzjonalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar għall-obbligi tal-operaturi ekonomiċi jissimplifikaw il-qafas legali billi jintroduċu bidliet minimi fir-rekwiżiti eżistenti li ma jaffettwawx is-sustanza tal-objettiv ta' politika usa'. Għalhekk, il-proposta hi limitata għal dawk il-bidliet li huma meħtieġa biex tkun żgurata l-effiċjenza, mingħajr ma jbiddlu xi element sostanzjali tal-leġiżlazzjoni kkonċernata.

L-emendi jintroduċu bidliet minimi fir-rekwiżiti eżistenti, b'enfasi unika fuq it-tneħħija tar-referenzi bbażati fuq il-karta u fuq id-diġitalizzazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE

[11] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj).

u tal-istruzzjonijiet. Billi tillimita l-proposta għal dawn il-bidliet meħtieġa, il-Kummissjoni tiżgura li l-emendi jkunu proporzjonati għall-objettivi segwiti u li dawn ma jkunux jikkompromettu l-kisba tal-objettivi ta' politika.

L-ispeċifikazzjonijiet komuni bħala għażla ta' riżerva għall-istandards armonizzati jissimplifikaw il-qafas legali billi jiżguraw il-konsistenza fis-suq intern meta ma jkunx hemm standards armonizzati. Għalhekk, il-proposta hi limitata għal dawk il-bidliet li huma meħtieġa biex tkun żgurata l-effiċjenza, mingħajr ma jbiddlu xi element sostanzjali tal-leġiżlazzjoni kkonċernata.

L-emendi jintroduċu bidliet minimi fil-leġiżlazzjoni eżistenti, b'enfasi unika fuq l-allinjament tal-ispeċifikazzjonijiet komuni fil-leġiżlazzjoni tas-suq intern. Billi tillimita l-proposta għal dawn il-bidliet meħtieġa, il-Kummissjoni tiżgura li l-emendi jkunu proporzjonati għall-objettivi segwiti u li dawn ma jkunux jikkompromettu l-kisba tal-objettivi ta' politika.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-Regolamenti kollha li jridu jiġu emendati b'dan ir-Regolament huma biċċiet settorjali ta' leġiżlazzjoni armonizzata dwar il-prodotti, li jaqgħu taħt ir-regoli tas-suq uniku u huma allinjati mal-NLF. Dawn ilkoll fihom referenzi għall-format stampat u referenzi għall-kunċett ta' standards armonizzati u preżunzjoni tal-konformità.

L-Evalwazzjoni tal-NLF, ippubblikata f'Novembru 2022, żvelat li l-NLF irnexxielu jarmonizza l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti, u għalhekk inħoloq qafas aktar koerenti li mill-2008 'il quddiem naqqas il-piżijiet u kiseb iffrankar fil-kostijiet, kemm għan-negozji u anki għall-awtoritajiet. Iżda l-evalwazzjoni enfasizzat ukoll li r-rekwiżiti obsoliti tal-NLF, fosthom id-dokumentazzjoni u l-korrispondenza bbażati fuq il-karti, ifixklu l-abbiltà tiegħu li jimxi paripassu mad-diġitalizzazzjoni u li jilħaq l-aspettattivi moderni.

Bħala konklużjoni, dan l-omnibus hu l-aqwa strument legali li jista' jintagħżel għax jaf jadatta għall-ħtiġijiet futuri u jibqa' rilevanti billi jippermetti t-tneħħija tar-referenzi obsoliti, bħal dawk tal-formati stampati.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

N/A

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fl-14 ta' April 2025, il-Kummissjoni organizzat avveniment ta' tixrid tal-għarfien fil-kuntest tat-Task Force tal-Forum Industrijali 1.

L-Istati Membri, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, il-manifatturi u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi ġew mistiedna jattendu u jaqsmu l-opinjonijiet tagħhom dwar id-diġitalizzazzjoni tar-rapportar u l-obbligi tal-manifatturi. B'mod partikolari, ġew mistoqsija jekk jemmnux li l-għoti tad-dikjarazzjoni tal-konformità u tal-istruzzjonijiet b'format elettroniku kienx se jitqies bħala tnaqqis fil-piż.

It-tweġibiet miksuba tul dan l-avveniment juru li ħafna mill-partijiet ikkonċernati jaqblu li d-diġitalizzazzjoni hi mod kif jonqos il-piż għax fil-fatt, il-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti indikaw li d-diġitalizzazzjoni hi mod effettiv kif jitnaqqas il-piż. Barra minn hekk, il-maġġoranza tar-rispondenti indikaw li, għalihom, id-dikjarazzjoni tal-konformità diġitali u l-possibbiltà li jipprovdu struzzjonijiet tal-użu diġitali huma modi kif jonqos il-piż. Fir-rigward

tal-istruzzjonijiet diġitali, il-maġġoranza tar-rispondenti esprimew preferenza għal struzzjonijiet diġitali volontarji (jiġifieri biss jekk il-manifattur ikun għażel li jagħmel hekk).

Fl-istess waqt saret konsultazzjoni bil-miktub fl-istess forum biex jinġabru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati u kwalunkwe data dwar l-iffrankar tal-kostijiet li din l-inizjattiva tista' ġġib. Il-maġġoranza tar-rispondenti indikaw li kienu favur id-diġitalizzazzjoni, inkluż mad-dikjarazzjoni tal-konformità diġitali u mal-istruzzjonijiet diġitali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-miżuri tar-razzjonalizzazzjoni proposti ġew identifikati wara proċess ta' skrutinju intern tal-obbligi eżistenti tar-rapportar u mill-esperjenza miskuba bl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata. Peress li dan hu pass fil-proċess ta' valutazzjoni kontinwa tar-rekwiżiti tar-rapportar li joħorġu mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-iskrutinju ta' dan il-piż u tal-impatt tiegħu fuq il-partijiet ikkonċernati se jissokta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tikkonċerna bidliet limitati u mmirati fil-leġiżlazzjoni bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti tar-rapportar u d-diġitalizzazzjoni u jiġu allinjati l-ispeċifikazzjonijiet komuni. Dawn huma bbażati fuq l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Il-bidliet ma jħallux impatt sinifikanti fuq il-politika, iżda jiżguraw implimentazzjoni aktar effiċjenti u effettiva, inkluż bl-allinjament tal-ispeċifikazzjonijiet komuni mal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din hija proposta REFIT, maħsuba biex tissimplifika l-leġiżlazzjoni u tnaqqas il-piżijiet tal-partijiet ikkonċernati.

- **Drittijiet fundamentali**

N/A

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

N/A

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

N/A

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

N/A

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta tinkludi:

– L-ispeċifikazzjoni li d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, jew xi dokument simili, trid titfassal b'format elettroniku u ssir aċċessibbli b'indirizz tal-internet jew b'kodiċi li jinqara minn magna meta jkun hemm bżonn li dik id-dikjarazzjoni tingħata mal-prodott;

– Iż-żieda ta' "kuntatt diġitali" bħala informazzjoni li jridu jindikaw il-manifatturi fuq il-prodotti li jintroduċu fis-suq biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali. Ladarba l-Kartiera Ewropea tan-Negozju tkun

disponibbli, l-indirizz diġitali li din tipprovdi lill-operaturi ekonomiċi jista' jikkostitwixxi l-"kuntatt diġitali";

– L-ispeċifikazzjoni li l-istruzzjonijiet mogħtija mal-prodotti jistgħu jingħataw b'format elettroniku ħlief l-informazzjoni dwar is-sikurezza li jenħtieġ li tingħata b'format stampat jew immarkata fuq il-prodott għall-konsumaturi;

– L-emenda tal-obbligi tar-rapportar għall-awtoritajiet nazzjonali li jitolbu " format stampat jew elettroniku" biex dawn isiru "format elettroniku" biss;

– L-inklużjoni ta' obbligu biex l-iskambji bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kompetenti jsiru b'mezzi elettroniċi;

– L-introduzzjoni ta' dispożizzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni bħala alternattiva għall-istandards armonizzati;

– Obbligu biex tingħata l-informazzjoni li jkun hemm fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u l-istruzzjonijiet fuq il-passaport diġitali tal-prodotti, meta l-prodott ikun soġġett għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li teżiġi l-użu ta' dan il-passaport diġitali tal-prodotti.

2025/0134 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 765/2008, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2023/1230, (UE) 2023/1542 u (UE) 2024/1781 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-rekwiżiti tar-rapportar jaqdu rwol ewlieni biex ikun żgurat monitoraġġ sew u infurzar tajjeb tal-leġiżlazzjoni. Iżda biex ikun żgurat li dawk ir-rekwiżiti jilħqu l-iskop maħsub tagħhom u jillimitaw il-piż amministrattiv, hu importanti li jiġu ssimplifikati.

(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[6], il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrazzjonalizza u tissimplifika r-rekwiżiti tar-rapportar ħalli tnaqqas dawn il-piżijiet b'25%, mingħajr ma timmina l-objettivi ta' politika relatati.

(3) Fil-Linji Gwida tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar[2], il-Kummissjoni tippromwovi l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" biex tappoġġa t-trasformazzjonijiet diġitali, billi tiffaċilita politiki adegwati diġitalment li jqisu l-ambjent evolventi malajr tad-diġitalizzazzjoni u tat-teknoloġija, u li dawn ikunu diġitali, interoperabbli, reżistenti għall-futur u aġli b'mod awtomatiku.

(4) L-importanza dejjem akbar tad-diġitalizzazzjoni fis-simplifikazzjoni tal-oqfsa regolatorji teħtieġ it-tnaqqis u l-modernizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar u tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi. Bi qbil mal-isforzi biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni, hu essenzjali li r-rapportar tan-negozji lill-awtoritajiet u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi jiġu diġitalizzati għalkollox meta din id-diġitalizzazzjoni ma tkunx taffettwa l-protezzjoni u s-sikurezza tal-konsumaturi. L-użu tad-diġitalizzazzjoni mhux

[1] ĠU C , , p. .

[2] https://commission.europa.eu/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt.

biss jissimplifika l-proċeduri tal-konformità iżda anki jżid l-effiċjenza ġenerali tal-qafas regolatorju, u fl-aħħar mill-aħħar ikun ta' benefiċċju għan-negozji daqskemm għall-awtoritajiet.

(5) Għadd ta' atti legali settorjali tal-Unjoni jistabbilixxu regoli armonizzati fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi meta dawn jintroduċu prodott fis-suq jew iqegħduh fis-servizz. Dawn l-atti legali jinkludu r-Regolamenti (UE) 2016/424[3], (UE) 2016/425[4], (UE) 2016/426[5], (UE) 2023/1230[6], (UE) 2023/1542[7] and (UE) 2024/1781[8] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolamenti kkonċernati"). Ir-Regolamenti kkonċernati huma bbażati fuq il-prinċipji tal-"approċċ il-ġdid" għall-armonizzazzjoni teknika u huma allinjati mad-dispożizzjonijiet ta' referenza stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

(6) F'konformità mar-Regolamenti kkonċernati, il-manifatturi jridu jfasslu dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE li tiddikjara t-turija li ġew issodisfati r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fir-Regolamenti applikabbli. Għal proċessi elettroniċi mingħajr skossi, id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jenħtieġ li titfassal biss b'format elettroniku.

(7) Barra minn hekk, ir-Regolamenti (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, u (UE) 2023/1230 jeżiġu li mal-prodott tingħata kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità. Meta titqies l-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni, hu essenzjali li dan l-obbligu jiġi mmodernizzat billi jkun meħtieġ li din id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tingħata mal-prodott elettronikament. Il-manifattur se jiżgura li d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tkun aċċessibbli b'indirizz tal-internet jew b'kodiċi li jinqara minn magna.

(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 94% jew iżjed tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet[10], il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mar-Regolamenti kkonċernati hu skadut u ma jaqbilx mat-teknoloġiji, l-abitudnijiet tal-konsumaturi jew l-objettivi ekoloġiċi ta' żmienna. Għalhekk, il-possibbiltà ta' format diġitali tal-istruzzjonijiet jenħtieġ li tiġi introdotta fir-

---

3 Ir-Regolament (UE) 2016/424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular u li jħassar id-Direttiva 2000/9/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/424/oj).

4 Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/425/oj).

5 Ir-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/426/oj).

6 Ir-Regolament (UE) 2023/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar il-makkinarju u li jemenda d-Direttiva (UE) 2021/647 (ĠU L 165, 29.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1230/oj).

7 Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj).

8 Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L, 281, 28.6.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj).

9 Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/768(1)/oj).

10 Sors: Statistika dwar l-ekonomija u s-soċjetà diġitali - unitajiet domestiċi u individwi - Statistika Spjegata.

Regolamenti. B'hekk, jekk ikunu jixtiequ, il-manifatturi jkunu jistgħu jipprovdu struzzjonijiet b'format diġitali. Meta l-manifatturi jagħżlu li jipprovdu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, biex xorta waħda jipproteġu s-sikurezza tal-konsumaturi, l-informazzjoni dwar is-sikurezza, inkluż l-istruzzjonijiet b'impatt fuq is-sikurezza tal-prodott, jenħtieġ li tingħata b'format stampat jew immarkata fuq il-prodott. Barra minn hekk, l-utenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni dwar is-sikurezza, meta jitolbuha fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara dak ix-xiri.

(9) Biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-utenti finali, fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jeħtieġ jiġi indikat kuntatt diġitali tal-manifattur ħalli tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza tas-suq u biex jitħaffef il-proċess tat-traċċar tal-prodotti mhux konformi. Bħalissa, l-operaturi ekonomiċi jeħtieġ jindikaw l-indirizz postali tagħhom fuq il-prodott, iżda dan mhux dejjem ikun suffiċjenti biex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt malajr. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jeħtieġ jintalbu jipprovdu l-indirizz postali u anki l-kuntatt diġitali fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE. Dan il-kuntatt diġitali jenħtieġ li jiġi definit fir-Regolamenti kkonċernati.

(10) Ir-Regolamenti kkonċernati jeżiġu li l-operaturi ekonomiċi jipprovdu, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodotti kkonċernati mar-Regolamenti rispettivi, b'format stampat jew elettroniku. Il-format ibbażat fuq karta hu rekwiżit obsolit filwaqt li l-komunikazzjoni elettronika ssaħħaħ l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet u n-negozji, tissimplifika l-proċessi u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi. Biex tinkiseb id-diġitalizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar u jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-operaturi ekonomiċi u tal-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jintalbu jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa b'format elettroniku biss. Id-dokumentazzjoni pprovduta b'format elettroniku tista' ssir disponibbli, pereżempju, b'format diġitali stampabbli, biex id-dokumentazzjoni tkun tista' tiġi stampata, titniżżel u tiġi ssejvjata fuq apparat elettroniku.

(11) Il-qafas attwali tal-istandardizzazzjoni tal-Unjoni, li hu bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jirrappreżenta l-qafas b'mod awtomatiku biex jiġu elaborati l-istandards li jipprevedu preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u tas-sikurezza jew oħrajn. Iżda meta ma jkunux jeżistu standards armonizzati jew meta dawn ma jkunux biżżejjed, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għas-saħħa u s-sikurezza essenzjali jew rekwiżiti oħra, bħala soluzzjoni ta' riżerva eċċezzjonali biex tiffaċilita l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza jew rekwiżiti oħra.

(12) Peress li l-passaport diġitali tal-prodotti hu previst f'ċerta leġiżlazzjoni tal-UE, bħar-Regolament (UE) 2023/1542, hu essenzjali li l-operaturi ekonomiċi jintalbu jaħżnu l-informazzjoni li jkun hemm fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u l-istruzzjonijiet

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj).

fil-passaport diġitali tal-prodotti meta l-prodott ikun kopert minn diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni. Dan l-approċċ inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-manifatturi għax ma jkollhomx għalfejn iżommu postijiet tal-ħżin separati għad-dokumenti tal-konformità. Billi jaħżnu d-dokumentazzjoni f'post wieħed, id-dokumenti kollha meħtieġa li juru l-konformità tal-prodott ikunu aċċessibbli faċilment, filwaqt li tkun żgurata t-trasparenza u tiġi ffaċilitata l-konformità. Dan l-approċċ simplifikat itejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-qafas regolatorju, u hu allinjat mal-prinċipju li meta għal xi prodott ikunu japplikaw bosta biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, il-manifattur jew xi operatur ekonomiku ieħor, meta xieraq, jenħtieġ li jipprovdi dikjarazzjoni tal-konformità waħda tal-UE.

(13) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri għax dan ir-Regolament jemenda Regolamenti li jarmonizzaw leġiżlazzjonijiet tal-prodotti, iżda jistgħu, minflok, minħabba l-armonizzazzjoni aħjar tar-regoli applikabbli għall-prodotti tal-UE, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(14) Biex tkun żgurata tranżizzjoni mingħajr skossi u effettiva, jiġi minimizzat it-tfixkil, u jingħata perjodu taż-żmien raġonevoli lill-industriji biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġodda, l-emendi għar-Regolamenti (UE) 765/2008, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2019/1009, (UE) 2023/1542 u (UE) 2024/1781 li jikkonċernaw id-diġitalizzazzjoni jenħtieġ li jiġu diferiti. L-emendi fir-Regolament (UE) 2023/1230 jenħtieġ li japplikaw mid-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(15) Biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jfornu stokk ta' prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq qabel id-data tal-applikazzjoni tal-emendi tar-Regolamenti (UE) 765/2008, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2019/1009, (UE) 2023/1542 u (UE) 2024/1781 li jikkonċernaw id-diġitalizzazzjoni, jeħtieġ jiġu previsti arranġamenti tranżizzjonali raġonevoli li ma jxekklux it-tqegħid fis-suq ta' dawk il-prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq f'konformità ma' dawk ir-Regolament fil-verżjoni applikabbli tagħhom qabel dik id-data.

(16) Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 765/2008, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2019/1009, (UE) 2023/1230, (UE) 2023/1542 and (UE) 2024/1781 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 765/2008

Ir-Regolament (UE) 765/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (9a) li ġej:

"(9a) "speċifikazzjoni komuni" tfisser sett ta' rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdi mezz ta' konformità mal-obbligi legali applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;";

(b) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“10. “akkreditazzjoni” għandha tfisser attestazzjoni minn korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni li korp tal-valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti minn standards armonizzati jew speċifikazzjonijiet komuni u, meta applikabbli, kull rekwiżit addizzjonali, inkluż dawk stabbiliti fl-iskemi settorjali rilevanti, biex titwettaq attività speċifika ta’ valutazzjoni tal-konformità;”;

(2) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Il-valutazzjoni bejn il-pari għandha taċċerta jekk il-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8, filwaqt li jitqiesu l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti msemmija fl-Artikolu 11.”;

(3) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni li juru konformità mal-kriterji stabbiliti fl-istandard armonizzat rilevanti, li r-referenza tiegħu tkun ġiet pubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew mal-kriterji stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet komuni, billi jkun irnexxielhom jgħaddu minn valutazzjoni bejn il-pari skont l-Artikolu 10, għandhom ikunu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8.”.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/424

Ir-Regolament (UE) 2016/424 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (17a) li ġej:

“(17a) “kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta’ reġistrazzjoni jew download ta’ xi applikazzjoni.”;

(b) jiddaħħal il-punt (19a) li ġej:

“(19a) “speċifikazzjonijiet komuni” tfisser sett ta’ rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdu mezzi ta’ konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;”;

(2) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta tintwera konformità ta’ subsistema jew komponent tas-sikurezza mar-rekwiżiti applikabbli mill-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, b’format elettroniku, u juru l-markatura CE.”;

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Għandhom jitqiesu b’mod adegwat il-bidliet fid-disinn jew fil-karatteristiċi tas-subsistema jew il-komponent tas-sikurezza u l-bidliet fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet komuni jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li b’referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità tas-subsistema jew tal-komponent tas-sikurezza.”;

(c) fil-paragrafu 6, l-ewwel u t-tieni sentenza huma sostitwiti b’dan li ġej:

“Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom fuq is-subsistema jew fuq il-komponent tas-sikurezza, kif ukoll l-indirizz

postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mas-subsistema jew mal-komponent tas-sikurezza. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.";

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mas-subsistema jew mal-komponent tas-sikurezza jingħataw indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, u għandhom jingħataw ukoll struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza, b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali, skont kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat. L-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza jistgħu jingħataw b'format elettroniku. Dawn l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandhom ikunu ċari, komprensibbli u intelliġibbli.

Meta jiġi biex jiddeċiedi fuq il-format speċifiku tal-istruzzjonijiet u tal-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jqis l-użu maħsub u l-utenti finali prevedibbli tal-prodott. Meta jkun qed jabbozza l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jqis l-użu maħsub u l-użu ħażin prevedibbli mill-utent finali, kif ukoll ir-rwol tal-istruzzjonijiet biex tkun żgurata s-sikurezza.

Iżda meta jiġu kkonsenjati ammonti kbar ta' subsistemi jew komponenti tas-sikurezza lil operatur ekonomiku partikolari jew lil utent finali partikolari, mal-lott jew mal-kunsinna kkonċernati jistgħu jingħataw indirizz tal-internet partikolari jew kodiċi partikolari li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE.

Meta l-istruzzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jingħataw b'format elettroniku, il-manifattur għandu:

(a) jimmarka fuq is-subsistema jew il-komponent tas-sikurezza jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-prodott, kif jistgħu jiġu aċċessati u kif jistgħu jintalbu b'format stampat;

(b) jippreżentahom b'format li jippermetti lill-utent jistampa u jniżżel l-istruzzjonijiet tal-użu u jissejvjahom fuq apparat elettroniku biex l-utent finali jkun jista' jaċċessahom f'kull ħin, b'mod partikolari waqt ħsara fis-subsistema jew fil-komponent tas-sikurezza; dan ir-rekwiżit japplika wkoll meta l-istruzzjonijiet ikunu inkorporati fis-software tas-subsistema jew tal-komponent tas-sikurezza;

(c) jagħmilhom aċċessibbli online tul il-ħajja mistennija tas-subsistema jew tal-komponent tas-sikurezza u għal mill-inqas 30 sena wara l-introduzzjoni fis-suq tas-subsistema jew tal-komponent tas-sikurezza.

Iżda fil-mument tax-xiri tal-prodott jew sa sitt xhur wara dak ix-xiri, l-utent finali jista' jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat. Meta l-utent finali jitlob dawk l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jipprovdihom lill-utent finali mingħajr ħlas fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba.";

(e) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tas-subsistema jew tal-komponent tas-sikurezza ma' dan ir-Regolament, b'lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità. Dawn għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, meta titlobhom jagħmlu dan, fuq kull azzjoni li tittieħed biex jixxejnu r-riskji ppreżentati minn subsistemi jew komponenti tas-sikurezza li jkunu introdoċew fis-suq.";

(3) fl-Artikolu 12(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tas-subsistema jew tal-komponent tas-sikurezza;";

(4) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dawn għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika, li s-subsistema jew il-komponent tas-sikurezza jkollhom il-markatura CE u li jkunu akkumpanjati minn indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, u minn struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza u, meta xieraq, minn dokumenti oħrajn meħtieġa, u li l-manifattur ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(5) u (6).";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom fuq is-subsistema jew il-komponent tas-sikurezza, kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tagħhom jew f'dokument li jakkumpanja s-subsistema jew il-komponent tas-sikurezza.";

(c) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ta' subsistema jew ta' komponent tas-sikurezza, b'lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità. Dawn għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, meta titlobhom jagħmlu dan, fuq kull azzjoni li tittieħed biex jixxejnu r-riskji ppreżentati minn subsistemi jew komponenti tas-sikurezza li jkunu introdućew fis-suq.";

(5) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Qabel ma jqiegħdu subsistema jew komponent tas-sikurezza fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li s-subsistema jew il-komponent tas-sikurezza jkollhom il-markatura CE u jkunu akkumpanjati minn indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, u mill-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza u, meta xieraq, minn dokumenti oħra meħtieġa, b'lingwa komprensibbli faċilment mill-utenti finali skont kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat, u li l-manifattur u l-importatur ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(5) u (6) u l-Artikolu 13(3) rispettivament.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'fomat elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ta' subsistema jew ta' komponent tas-sikurezza. Għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, meta jintalbu minnha, fir-rigward ta' kull azzjoni li tittieħed biex jixxejnu r-riskji ppreżentati minn subsistemi jew komponenti tas-sikurezza li jkunu qiegħdu fis-suq.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 17a li ġej:

"*Artikolu 17a*

Speċifikazzjonijiet Komuni

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II f'kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ma jkunux koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' prodott mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II; jew

(C) meta l-Kummissjoni jkun jidhrilha li jeħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' subsistemi u komponenti tas-sikurezza mhux konformi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 44(2).

2. Is-subsistemi u l-komponenti tas-sikurezza li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni, jew ma' partijiet minnhom, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet jew partijiet minnhom, stabbiliti fl-Anness II.";

(7) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ir-rekords u l-korrispondenza relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jitfasslu, b'format elettroniku, b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp notifikat li jkun qed iwettaq il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2, jew b'lingwa aċċettata minn dak il-korp. Lill-korp notifikat li jkun qed iwettaq il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità, il-manifattur għandu jipprovdilu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità b'format elettroniku.";

(8) fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, applikabbli għal subsistema jew komponent tas-sikurezza tkun teżiġi li l-operatur ekonomiku jinkludi l-informazzjoni li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni f'passaport diġitali tal-prodotti jew li jtella' d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jew l-istruzzjonijiet f'passaport diġitali tal-prodotti, l-informazzjoni meħtieġa fl-Anness IX li trid tiddaħħal fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u msemmija fl-Artikolu 11(7) għandha tingħata biss f'dak il-passaport diġitali tal-prodotti.";

(9) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 7, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għarfien u fehim adegwat tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II, tal-istandards armonizzati jew tal-ispeċifikazzjonijiet komuni applikabbli u tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-Unjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali;";

(10) fl-Artikolu 34, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta korp notifikat isib li manifattur ma jkunx issodisfa r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II jew l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni korrispondenti jew

speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn, dan għandu jeżiġi li dak il-manifattur jieħu miżuri korrettivi xierqa u m'għandux joħroġ ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni.";

(11) fl-Artikolu 43(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) is-subsistema jew il-komponent tal-sikurezza ma jkunx akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew mill-kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE;".

(12) L-Annessi III sa IX huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/425

Ir-Regolament (UE) 2016/425 jiġi emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (8a) li ġej:

"(8a) "kuntatt diġitali" tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni;";

(b) jiddaħħal il-punt (10a) li ġej:

"(10a) "speċifikazzjonijiet komuni" tfisser sett ta' rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdi mezz ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;";

(2) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-konformità tal-PPE mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli tas-saħħa u tas-sikurezza tkun intweriet bil-proċedura xierqa, il-manifatturi għandhom ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 15 b'format elettroniku, u għandhom juru l-markatura CE msemmija fl-Artikolu 16.";

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandhom jitqiesu b'mod adegwat il-bidliet fid-disinn jew fil-karatteristiċi tal-PPE u l-bidliet fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet komuni jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità tal-PPE.";

(c) fil-paragrafu 6, l-ewwel u t-tieni sentenza huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Fuq il-PPE, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-PPE. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.";

(d) il-paragrafi 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mal-PPE jingħataw l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness II, b'lingwa komprensibbli faċilment mill-konsumaturi u utenti finali oħra, skont kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat. L-istruzzjonijiet u l-

informazzjoni jistgħu jingħataw b'format elettroniku. Dawn l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni, kif ukoll kull tikkettar, għandhom ikunu ċari, komprensibbli, intelliġibbli u leġġibbli.

Il-manifattur għandu jqis l-użu maħsub u l-utent finali prevedibbli tal-PPE meta jiddeċiedi fuq il-format speċifiku tal-istruzzjonijiet u tal-informazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness II.

Fil-każ ta' PPE maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, anke jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness II, b'format stampat jew jagħmilhom viżibbli fuq l-imballaġġ. Din l-informazzjoni għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.

Meta jkunu qed jabbozzaw l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness II, il-manifatturi għandhom iqisu l-użu maħsub u l-użu ħażin prevedibbli mill-utent finali.

Meta l-istruzzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jingħataw b'format elettroniku, il-manifattur għandu:

(a) jimmarka fuq il-PPE jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument ta' akkumpanjament, kif jistgħu jiġu aċċessati u kif jistgħu jintalbu b'format stampat;

(b) jippreżentahom b'format li jippermetti lill-utent jistampa u jniżżel l-istruzzjonijiet tal-użu u jissejvjahom fuq apparat elettroniku biex ikun jista' jaċċessahom f'kull ħin, b'mod partikolari waqt ħsara fil-PPE; dan ir-rekwiżit japplika wkoll meta l-istruzzjonijiet ikunu inkorporati fis-software tal-PPE;

(c) jagħmilhom aċċessibbli online tul il-ħajja mistennija tal-PPE u mqar sa 10 snin wara l-introduzzjoni fis-suq tal-PPE.

Iżda fil-mument tax-xiri tal-PPE jew sa 6 xhur wara dak ix-xiri, l-utent finali jista' jitlob l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness II b'format stampat. Meta l-utent finali jitlob dawk l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness II, il-manifattur għandu jipprovdihomlu mingħajr ħlas fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba.

8. Il-manifattur għandu jipprovdi indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE mal-PPE.";

(e) fil-paragrafu 10, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-PPE ma' dan ir-Regolament, b'lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.";

(3) fl-Artikolu 9(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-PPE;";

(4) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fuq il-PPE, l-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom li bihom ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument mogħti mal-prodott.";

(b) fil-paragrafu 9, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdu lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-PPE, b'lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.";

(5) fl-Artikolu 11(5), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Id-distributuri għandhom, wara talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha biex tintwera l-konformità tal-PPE.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

"*Artikolu 14a*

Speċifikazzjonijiet Komuni

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II f'kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ma jkunux koperti minn standards armonizzati jew partijiet minnhom li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ikunu koperti minn standards armonizzati jew partijiet minnhom li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew partijiet minnhom twassal għal nonkonformità tal-PPE mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, jew

(c) meta l-Kummissjoni jidhirilha li jeħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' PPE mhux konformi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 44(2).

2. Il-PPE li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness II.";

(7) fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta xi leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-PPE tkun teżiġi li l-operatur ekonomiku jinkludi l-informazzjoni li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni f'passaport diġitali tal-prodotti jew li jtella' d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jew l-istruzzjonijiet f'passaport diġitali tal-prodotti, l-informazzjoni meħtieġa fl-Anness IX li trid tiddaħħal fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u l-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(7) għandhom jingħataw biss f'dak il-passaport diġitali tal-prodotti.";

(8) fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Meta applikabbli, lill-korp notifikat li jkun qed jwettaq il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità, il-manifattur għandu jipprovdilu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità b'format elettroniku.";

(9) fl-Artikolu 24(7), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) għarfien u fehim adegwat tar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fl-Anness II, tal-istandards armonizzati jew tal-ispeċifikazzjonijiet komuni applikabbli, u tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-Unjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali”;

(10) l-Artikolu 25 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta korp tal-valutazzjoni tal-konformità juri l-konformità tiegħu mal-kriterji stabbiliti fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti jew f’partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, dan għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 sa fejn l-istandards armonizzati applikabbli jkunu jkopru dawk ir-rekwiżiti.”;

(11) Fl-Artikolu 32, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Meta korp notifikat isib li manifattur ma jkunx issodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness II jew l-istandards armonizzati korrispondenti jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħra, dan għandu jitlob lil l-manifattur jieħu miżuri korrettivi xierqa u m’għandux joħroġ ċertifikat jew deċiżjoni tal-approvazzjoni.”;

(12) L-Annessi II, III, V, VII, VIII, u IX huma emendati f’konformità mal-Anness II ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/426

Ir-Regolament (UE) 2016/426 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (21a) li ġej:

“(21a) “kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta’ reġistrazzjoni jew download ta’ xi applikazzjoni;”;

(b) jiddaħħal il-punt (23a) li ġej:

“(23a) “speċifikazzjonijiet komuni” tfisser sett ta’ rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdi mezz ta’ konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;”;

(2) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta l-konformità ta’ tagħmir jew fitting mar-rekwiżiti applikabbli tkun intweriet bil-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE b’format elettroniku u jwaħħlu l-markatura CE.”;

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Għandhom jitqiesu b’mod adegwat il-bidliet fid-disinn jew fil-karatteristiċi tat-tagħmir jew fil-fitting u l-bidliet fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet komuni jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li b’referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità tat-tagħmir jew tal-fitting.”;

(c) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Il-manifatturi għandhom jindikaw fuq it-tagħmir isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mat-tagħmir. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Id-dettalji tal-kuntatt għandhom ikunu b'lingwa komprensibbli faċilment mill-konsumaturi u utenti finali oħra u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Il-manifatturi għandhom jindikaw fuq il-fitting, isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-fitting. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Id-dettalji tal-kuntatt għandhom ikunu b'lingwa komprensibbli faċilment mill-manifatturi tat-tagħmir u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. 7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mat-tagħmir jingħataw struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza f'konformità mal-punt 1.5 tal-Anness I, b'lingwa komprensibbli faċilment mill-konsumaturi u utenti finali oħra, skont kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat. L-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza jistgħu jingħataw b'format elettroniku. Dawn l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza, kif ukoll kull tikkettar, għandhom ikunu ċari, komprensibbli u intelliġibbli.

Il-manifatturi għandhom iqisu l-użu maħsub u l-utenti finali prevedibbli tal-prodott meta jiddeċiedu fuq il-format speċifiku tal-istruzzjonijiet u tal-informazzjoni dwar is-sikurezza.

Fil-każ ta' tagħmir jew fittings maħsuba għall-konsumaturi jew li jistgħu, f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintużaw mill-konsumaturi, anki jekk ma jkunux maħsuba għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat jew bħala marka fuq it-tagħmir. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli u leġibbli għall-konsumaturi.

Meta jkun qed jabbozza l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jqis l-użu maħsub u l-użu ħażin prevedibbli mill-utent finali, kif ukoll ir-rwol tal-istruzzjonijiet biex tkun żgurata s-sikurezza.

Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mal-fitting jingħataw indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u l-istruzzjonijiet tal-inkorporazzjoni jew tal-assemblaġġ, l-aġġustament, it-tħaddim u l-manutenzjoni skont il-punt 1.7 tal-Anness I, b'lingwa komprensibbli faċilment mill-manifatturi tat-tagħmir, skont kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat. L-istruzzjonijiet jistgħu jingħataw b'format elettroniku.

Iżda meta jiġu kkonsenjati ammonti kbar ta' fittings lil utent finali partikolari, ,mal-lott jew mal-kunsinna kkonċernata jistgħu jingħataw indirizz tal-internet uniku jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE.

Meta l-istruzzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jingħataw b'format elettroniku, il-manifattur għandu:

(a) jimmarka fuq it-tagħmir jew il-fitting jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti magħhom, kif jistgħu jiġu aċċessati u kif jistgħu jintalbu b'format stampat;

(b) jippreżentahom b'format li jippermetti lill-utent jistampa u jniżżel l-istruzzjonijiet tal-użu u jissejvjahom fuq apparat elettroniku biex ikun jista' jaċċessahom f'kull ħin, b'mod partikolari waqt ħsara fit-tagħmir jew fil-fitting;

(c) jagħmilhom aċċessibbli online tul il-ħajja mistennija tat-tagħmir jew tal-fitting u għal imqar 10 snin wara l-introduzzjoni fis-suq tat-tagħmir jew tal-fitting.

Iżda fil-mument tax-xiri tat-tagħmir jew tal-fitting jew sa 6 xhur wara dak ix-xiri, l-utent finali jista' jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat. Meta l-utent finali jitlob dawk l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jipprovdihom lill-utent finali mingħajr ħlas fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba.";

(d) fil-paragrafu 9, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tat-tagħmir jew tal-fitting ma' dan ir-Regolament, b'lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.";

(3) fl-Artikolu 8(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, bl-informazzjoni u bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tat-tagħmir jew tal-fitting;";

(4) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dawn għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika, li l-fitting ikollu l-markatura CE u li miegħu jkunu ngħataw indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, u li fost l-oħrajn ikunu ngħataw ukoll l-istruzzjonijiet tal-inkorporazzjoni jew l-assemblaġġ, l-aġġustament, it-tħaddim u l-manutenzjoni f'konformità mal-punt 1.7 tal-Anness I, u li l-manifattur ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(5) u (6).";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fuq it-tagħmir, l-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mat-tagħmir. Id-dettalji tal-kuntatt għandhom ikunu b'lingwa komprensibbli faċilment mill-konsumaturi u utenti finali oħra u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Fuq il-fitting, l-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-fitting. Id-dettalji tal-kuntatt għandhom ikunu b'lingwa komprensibbli faċilment mill-manifatturi tat-tagħmir u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.";

(c) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-importaturi għandhom jiżguraw li mal-fitting jingħataw indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, u fost l-oħrajn jingħataw ukoll l-istruzzjonijiet tal-inkorporazzjoni jew l-assemblaġġ, l-aġġustament, it-tħaddim u l-manutenzjoni skont il-punt 1.7 tal-Anness I, b'lingwa komprensibbli faċilment mill-manifatturi tat-tagħmir, skont kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat.";

(d) fil-paragrafu 9, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdu lill-awtorità, b’format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tat-tagħmir jew tal-fitting, b’lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.”;

(5) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Qabel iqiegħdu fitting fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-fitting ikollu l-markatura CE u li miegħu ingħataw indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista’ tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, u li fost l-oħrajn ikunu ngħataw ukoll l-istruzzjonijiet tal-inkorporazzjoni jew tal-assemblaġġ, l-aġġustament, it-tħaddim u l-manutenzjoni skont il-punt 1.7 tal-Anness I, b’lingwa komprensibbli faċilment mill-manifatturi tat-tagħmir, skont kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(5) u (6) u l-Artikolu 9(3) rispettivament.”;

(6) fil-paragrafu 5, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdu lill-awtorità, b’format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tat-tagħmir jew tal-fitting.”;

(7) jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

“*Artikolu 13a*

Speċifikazzjonijiet Komuni

1. Il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ma jkunux koperti minn standards armonizzati jew partijiet minnhom li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti minn standards armonizzati jew partijiet minnhom li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iżda l-applikazzjoni ta’ dawk l-istandards jew partijiet minnhom twassal għal nonkonformità tat-tagħmir u tal-fittings mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, jew

(c) meta l-Kummissjoni jidhirilha li jeħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta’ subsistemi u komponenti tas-sikurezza mhux konformi.

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura konsultattiva prevista fl-Artikolu 42(2).

2. It-tagħmir u l-fittings li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I.”;

(8) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Ir-rekords u l-korrispondenza relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità ta’ tagħmir jew fitting għandhom jitfasslu b’format elettroniku, b’lingwa uffiċjali tal-Istat

Membru fejn ikun stabbilit il-korp notifikat li jkun qed iwettaq il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 2 u 3 jew b'lingwa aċċettata minn dak il-korp.";

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Lill-korp notifikat li jkun qed iwettaq il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità, il-manifattur għandu jipprovdilu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità b'format elettroniku.";

(9) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Mal-fitting għandhom jingħataw l-indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE.";

(b) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għal tagħmir jew għal fitting tkun teżiġi li l-operatur ekonomiku jinkludi l-informazzjoni li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni f'passaport diġitali tal-prodotti jew li jtella' d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jew l-istruzzjonijiet f'passaport diġitali tal-prodotti, l-informazzjoni meħtieġa fl-Anness II li trid tiddaħħal fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u l-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(7) għandhom jingħataw biss f'dak il-passaport diġitali tal-prodotti.";

(10) fl-Artikolu 23(7), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għarfien u fehim adegwat tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I, tal-istandards armonizzati jew tal-ispeċifikazzjonijiet komuni applikabbli u tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-Unjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali;";

(11) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta korp notifikat isib li manifattur ma jkunx issodisfa r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I jew l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni korrispondenti jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħra, dan għandu jitlob lil dak il-manifattur jieħu miżuri korrettivi adegwati u m'għandux joħroġ ċertifikat jew deċiżjoni tal-approvazzjoni."

(12) fl-Artikolu 40(1), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) mal-fitting ma jingħatax l-indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE;";

(13) L-Annessi III u V huma emendati f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Emendi għar-Regolament (UE) 2023/1230

Ir-Regolament (UE) 2023/1230 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt (22a) li ġej:

"(22a) "kuntatt diġitali" tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni.";

(2) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Meta l-konformità ta’ makkinarju jew prodott relatat mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness III tkun intweriet b’dik il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità, il-manifatturi għandhom ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE b’format elettroniku, f’konformità mal-Artikolu 21 u jwaħħlu l-markatura CE f’konformità mal-Artikolu 24.”;

(b) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mal-makkinarju jew mal-prodott relatat jingħataw l-indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista’ tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE stabbilita fil-Parti A tal-Anness V.”;

(c) fil-paragrafu 10, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lil dik l-awtorità, b’format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-makkinarju jew tal-prodotti relatati ma’ dan ir-Regolament, b’lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.”;

(3) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness III tkun intweriet fid-dokumentazzjoni teknika stabbilita fil-Parti B tal-Anness IV, il-manifatturi għandhom ifasslu d-dikjarazzjoni tal-inkorporazzjoni tal-UE b’format elettroniku f’konformità mal-Artikolu 22.”;

(b) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mal-makkinarju parzjalment komplut jingħataw l-indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista’ tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-inkorporazzjoni tal-UE stabbilita fil-Parti B tal-Anness V.”;

(c) fil-paragrafu 10, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lil dik l-awtorità, b’format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut ma’ dan ir-Regolament, b’lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.”;

(4) fl-Artikolu 12(2), il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità, b’format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament;”;

(5) fl-Artikolu 13(9), l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“9. L-importaturi, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, għandhom jipprovdu lil dik l-awtorità, b’format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-makkinarju jew tal-prodotti relatati ma’ dan ir-Regolament, b’lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.”;

(6) fl-Artikolu 14(8), l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“L-importaturi, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, għandhom jipprovdu lil dik l-awtorità, b’format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut ma’ dan ir-Regolament, b’lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.”;

(7) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) mal-makkinarju jew mal-prodott relatat jingħataw l-indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 10(8);";

(b) fil-paragrafu 6, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Id-distributuri, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, għandhom jipprovdu lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-makkinarju jew tal-prodott relatat ma' dan ir-Regolament, b'lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità.";

(8) fl-Artikolu 16(6), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Id-distributuri, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, għandhom jipprovdu lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut ma' dan ir-Regolament.";

(9) fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għal makkinarju jew għal prodotti relatati tkun teżiġi li l-operatur ekonomiku jinkludi l-informazzjoni li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni f'passaport diġitali tal-prodotti jew li jtella' d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jew l-istruzzjonijiet f'passaport diġitali tal-prodotti, l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti A tal-Anness V li trid tiddaħħal fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u l-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(7) għandhom jingħataw biss f'dak il-passaport diġitali tal-prodotti.";

(10) fl-Artikolu 22, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għal makkinarju jew għal prodotti relatati tkun teżiġi li l-operatur ekonomiku jinkludi l-informazzjoni li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni f'passaport diġitali tal-prodotti jew li jtella' d-dikjarazzjoni tal-inkorporazzjoni tal-UE jew l-istruzzjonijiet f'passaport diġitali tal-prodotti, l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti B tal-Anness V li trid tiddaħħal fid-dikjarazzjoni tal-inkorporazzjoni tal-UE u l-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(7) għandhom jingħataw biss f'dak il-passaport diġitali tal-prodotti.";

(11) fl-Artikolu 25, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Meta applikabbli, lill-korp notifikat li jkun qed iwettaq il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità, il-manifattur għandu jipprovdilu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità b'format elettroniku.";

(12) L-Annessi III, V, VII, IX, u X huma emendati f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Emendi għar-Regolament (UE) 2023/1542

Ir-Regolament (UE) 2023/1542 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt (23a) li ġej:

“(23a) “kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta’ reġistrazzjoni jew download ta’ xi applikazzjoni.”;

(2) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Ir-rekords u l-korrispondenza relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji għandhom jitfasslu b’format elettroniku, bil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp notifikat li jkun qed iwettaq il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità, jew b’lingwa waħda jew aktar li huma aċċettati minn dak il-korp.”;

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

“5. Lill-korp notifikat li jkun qed iwettaq il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità, il-manifattur għandu jipprovdilu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità b’format elettroniku.”;

(3) fl-Artikolu 18(2), it-tielet sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Għandha titfassal b’format elettroniku.”;

(4) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Meta jintroduċu batterija fis-suq jew iqegħduha fis-servizz, inkluż għal skopijiet tal-manifatturi stess, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-batterija:

(a) tkun ġiet iddisinjata u manifatturata f’konformità mal-Artikoli 6 sa 10 u mal-Artikoli 12 u 14 u, fil-każ tas-sistemi tal-ħżin tal-enerġija f’batteriji stazzjonarji, ikollha magħha struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza ċari, komprensibbli u leġibbli, b’lingwa/i komprensibbli faċilment mill-utenti finali, skont kif iddeterminat mill-Istat Membru li fih il-batterija tkun se tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz; u

(b) tkun immarkata u tikkettata f’konformità mal-Artikolu 13.

L-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza għas-sistemi tal-ħżin tal-enerġija f’batteriji stazzjonarji jistgħu jingħataw b’format elettroniku. Fil-każ tas-sistemi tal-ħżin tal-enerġija f’batteriji stazzjonarji li jkunu maħsuba għall-konsumaturi jew li jistgħu, f’kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintużaw mill-konsumaturi, anki jekk ma jkunux maħsuba għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza b’format stampat.

Meta l-istruzzjonijiet jingħataw b’format elettroniku, il-manifattur għandu jimmarka fuq il-batterija jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f’dokument mogħti magħha, li dawn huma aċċessibbli fil-passaport tal-batterija u kif jistgħu jintalbu b’format stampat.

Fil-mument tax-xiri tas-sistemi tal-ħżin tal-enerġija f’batteriji stazzjonarji jew sa 6 xhur wara dak ix-xiri, l-utent finali jista’ jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b’format stampat. Meta l-utent finali jitlob dawk l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jipprovdihom lill-utent finali mingħajr ħlas fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba.”;

(b) fil-paragrafu 7, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Fuq il-batterija, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom, filwaqt li jindikaw punt ta’ kuntatt uniku.”;

(c) fil-paragrafu 10, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jingħataw b'format elettroniku.";

(5) fl-Artikolu 39, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jingħataw b'format elettroniku u mingħajr ħlas.";

(6) fl-Artikolu 40(3), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-batterija";

(7) l-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fuq il-batterija, l-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom, filwaqt li jindikaw punt ta' kuntatt uniku.";

(b) fil-paragrafu 8, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jingħataw b'format elettroniku.";

(8) fl-Artikolu 42(6), it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jingħataw b'format elettroniku.";

(9) L-Annessi VIII, IX u XIII huma emendati f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Emendi għar-Regolament (UE) 2024/1781

Ir-Regolament (UE) 2024/1781 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt (46a) li ġej:

"(46a) "kuntatt diġitali" tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni;";

(2) fl-Artikolu 24(2), it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Din l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jingħataw b'format elettroniku fi żmien 30 jum mill-wasla tat-talba.";

(3) fl-Artikolu 27(10), it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jingħataw b'format elettroniku mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 15-il jum mill-wasla tat-talba ta' dik l-awtorità.";

(4) fl-Artikolu 28(2), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott, b'lingwa komprensibbli faċilment minn dik l-awtorità, mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 15-il jum mill-wasla tat-talba; u";

(5) fl-Artikolu 29(8), it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni għandha tingħata b'format elettroniku mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 15-il jum mill-wasla tat-talba ta' dik l-awtorità.";

(6) fl-Artikolu 30(5), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jingħataw b'format elettroniku fi żmien 15-il jum mill-wasla tat-talba ta' dik l-awtorità.";

(7) fl-Anness V, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur.".

Artikolu 8

Dispożizzjoni tranżizzjonali

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq qabel f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2023/1542 and (UE) 2024/1781 [OP *please insert 24 months after entry into force of this amending Regulation*)].

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 5 u l-Anness IV għandhom japplikaw mill-20 ta' Jannar 2027.

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw minn [OP *please insert 24 months after entry into force of this amending Regulation*]:

(a) l-Artikolu 2, il-punt (1)(a), il-punt (2)(a), (c), (d) u (e), u l-punti (3), (4), (5), (7), (8) u (11);

(b) l-Artikolu 3, il-punt (1)(a), il-punt (2)(a), (c), (d) u (e), u l-punti (3), (4), (5), (7) u (8);

(c) l-Artikolu 4, il-punt (1)(a), il-punti (2)(a), (c) u (d), u l-punti (3), (4), (5), (6), (8), (9) u (12);

(d) l-Artikoli 6 u 7;

(e) l-Anness I, il-punt (1)(a) u (c), il-punt (2)(a), il-punt (3)(a), il-punt (4)(a), il-punt (5)(a), (d) u (e), u l-punt (7)(a);

(f) l-Anness II, il-punt (1)(a), il-punt (3)(a), (c)(i) u (d)(i), il-punt (4)(a), il-punt (5)(a) u l-punt (6)(a);

(g) l-Anness III, il-punt (1)(a)(i), (c), (e) u (g) u l-punt (2)(a);

(h) l-Anness V.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3
1.3. Objettiv(i) 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 12
